**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 20 ta' Gunju 2002.**

**Pulizija**
**Spettur David Saliba**

**Vs**

**Kevin Psaila**
**Christopher Agius.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Psaila ta' 23 sena, bin Emanuel u Lorenza nee' Hili, mwieled Pieta' fit-30 ta' Mejju 1979 u joqghod 96, St. Vincent Street, Hamrun, bin-numru tal-karta tal-identita' 252179M;

U kontra Christopher Agius ta' 18-il-sena bin Anthony u Emanuela xebba Caruana imwieled Pieta' datat tat-twelid 5 ta' April 1984 u li joqghod 43a, Vassalli Street, Zebbug, bin-numru tal-karta tal-identita' 200684M;

Talli fi Triq Buqana Rabat, nhar il-15 ta' Mejju 2002 ghall-habta tas-7.00am ikkommettew serq ta' pompa tal-ilma li tiswa aktar minn mitt lira

maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-annu ta' Filippo Micallef liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u lok.

Ukoll tall fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Wara li rat l-Artikoli 261 et seq tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taz-zewg imputati, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibhom hatja fuq l-ewwel akkuza, filwaqt li tilliberahom mit-tieni akkuza.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, temmen illi dawn l-imputati, ma' jisthoqqilhomx piena karcerarja, u ghaldaqstant qeghda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma' jikkommettux reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

MAGISTRAT.